MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2345/1996/1

**Highfield Holdings Ltd.**

**Vs**

**Mario Scerri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' tlett elef, erba' mija u hames liri Maltin, u hamsin centezmi, (Lm3,405.50) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' ghamara lilu mibjugha u kkonsennjata, u dan skond *statement* li ggib id-data tat-3 ta' Ottubru,1994, li kopja taghha hija hawn annessa u

mmarkata Dok A u kif jigi ppruvat u spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Premess illi ghalkemm interpellat biex ihallas anke ufficjalment, il-konvenut baqa' inadempjenti .

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tikkundannah sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlett elef, erba' mija u hames liri Maltin u hamsin centezmi (lm3,405.50) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' ghamara lilu mibjugha u kkonsennjata, u dan skond *statement* li ggib id-data tat-3 ta' Ottubru,1994.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-25 ta' Lulju, 1995 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsennja tal-ghamara in kwistjoni kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta' l-eccezzjonijiet** konvenut a fol.12 tal-process fejn ecceppixxa:

1. It-talba attrici hi preskritta skond l-art. 2148 (a) tal-Kodici Civili.

2. Minghajr pregudizzju s-somma riklamata mis-socjeta' attrici, s-somma ta' Lm2,275 tikkoncerna ftehim tas-socjeta' attrici mas-socjeta' IND Highfield Ltd u mhux mal-konvenut proprio.

3. Illi in ogni kaz dwar is-somma ta' Lm2,275 ix-xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti.

4. Il-bilanc ta' Lm1,130 kif ukoll Dok A prezentat mis-socjeta' attrici hu kontestat billi mhux dovut u jekk hemm xi bilanc dovut dan ghandu jigi pacut mad-danni sofferti mill-konvenut bl-agir tas-socjeta' attrici, ghal liema fini l-

konvenut qed jirrikonvenzjona lis-socjeta' attrici permezz tal-kontro-talba li ssegwi dawn l-eccezzjonijiet.

Rat **il-kontrotalba** (ara fol.14) tal-konvenut fejn ippremetta illi bejn is-socjeta' attrici rikonvenzjonata u l-konvenut kien sar ftehim datat 10 ta' Gunju, 1993 (Dok fol.17)

Premess illi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata kisret il-klawsola (4) u (6) tal-istess ftehim bil-konsegwenzi li l-konvenut sofra danni kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Premess illi s-socjeta attrici rikonvenzjonata dejjem irrifjutat li tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Tghid ghalhekk is-socjeta attrici rikonvenzjonata ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ;

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' attrici rikonvenzjonata kisret il-kondizzjonijiet tal-ftehim datat 10 ta' Gunju, 1993 ;

2. Tiddikjara kwindi s-socjeta' attrici rikonvenzjonata responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-konvenut ;

3. Tillkwida l-istess danni okkorrendo permezz ta' perit nominandi ;

4. Tikkundanna s-socjeta' attrici rikonvenzjonata sabiex thallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Rat **in-nota ta' l-eccezzonijiet tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata** Highfield Holdings Ltd. fejn ecceppiet a fol.22:

1. Illi t-talba tal-konvenut ghad-danni hija preskritta skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16) ;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici rikonvenzjonata ma kisret ebda mill-kondizzjonijiet tal-ftehim datat ghaxra (10) ta' Gunju, 1993, anzi kien il-konvenut li kiser dan il-ftehim u dan skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi ukoll subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta attrici rikonvenzjonata ma kkawzat ebda danni lill-konvenut u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal a fol.56 li bih il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Is-socjeta attrici qed titlob is-somma ta' Lm3,405.50 bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' ghamara skond dok A a fol. 5. Is-socjeta attrici pprezentat dokument simili a fol, 39 fejn hi naqqset ukoll ammont iehor ta' Lm1,950 li kien dovut lill-konvenut biex b'hekk jispjega l-ammont li proprjament gie mitlub fic-citazzjoni.

Il-konvenut ipprezenta diversi eccezzjonijiet u anke kontrotalba.

**L-ewwel eccezzjoni** tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni giet irtirata b'verbal a fol.56.

**Fit-tieni eccezzjoni** l-konvenut qed jeccepixxi li s-somma riklamata mis-socjeta' attrici ta' Lm2,275 tikkoncerna ftehim tas-socjeta' attrici mas-socjeta' IND Highfield Ltd u mhux mal-konvenut proprio.

**Legittimu kontradittur**

Dwar dina l-eccezzjoni s-socjeta attrici  tissottometti li hi dejjem  ittrattat u ftehmet mal-konvenut u mhux ma Ind. Highfield Ltd u in sostenn ta’ dana ssemmi diversi punti fosthom dawn li gejjin:

- l-iskrittura a fol. 65 kienet giet iffirmata mill-konvenut proprjo, u l-flus hemm imsemmija gew imhallsa lilu u mhux lill-kumpanija;
- Id-Dok a fol. 5 kien gie mibghut lilu personalment u mhux lill-kumpanija u hu ma rrifjutahx jew talab korrezzjoni;
- Id-dokumenti a fol. 68 sa 70 u d-dokumenti 43 u 45 huma ntestati f’isem il-konvenut.
- L-ittri ufficjali ntbghatu lill konvenut proprjo (fol. 31 u 33);
- Ghal dawn l-ittri ufficjali l-konvenut kien irrisponda personalment (fol. 35);
- L-inkwilinat tal-post 92 Psaila Street, B’Kara gie cedut favur il-konvenut personalment u Ind Highfield Ltd ma kelliex x’taqsam ma’ dina l-iskrittura.
- Il-konvenut personalment kien awtorizzat bl-iskrittura a fol.17 para  3 li jiffissa hu stess il-prezz tal-bejgh tal-prodotti tas-socejta’ attrici.

Kontra dawna, il-konvenut argumenta li hu kien iffurma l-kumpanija Ind Highfield Ltd fit-18 ta’ Gunju 1993 fol. 139 u cjoe  gimgha wara li saret l-iskrittura a fol.  65. Hu xehed (ara fol. 80) li s-somma ta’ Lm2,275 mhiex dovuta minnu proprio imma minn IND Highfield Ltd. Id-ditta kienet inghatat appalt mid ditta K-Optics. Dok MS1 a fol. 83. Imbaghad kien sar ftehim  mas-socjeta attrici mid-ditta Ind Highfield Ltd datat 20 ta’ April 1994 Dok MS2 a fol.  86 fejn IND Highfield tat sub-appalt lis-socjeta attrici ghall-fornitura ta’ ghamara. Il-ftehim dwar dan ix-xoghol ma kienx sar mal-konvenut proprjo izda mal-kumpanija. Skond id-Dok MS2 dan juri li l-atturi sa mill-1994 kienu jafu bis-socjeta imsemmija, mentri l-kawza saret fil-1996. Il-konvenut ezebixxa sitt cheques li permezz taghhom IND

Highfield hallset lis-socjeta' attrici fil-1994 Dok MS3 a fol. 87-91.

"Biex persuna li qeda tikkontratta ma torbotx lilha nnifsiha, ikun mehtieg li jigi pruvat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat car u tond li qeda tikkontratta ghal haddiehor jew ghaliha personalment. Jekk ma ndikatx dan espressament, almenu jkun jirrizulta sodisfacentement li l-kontraent l-iehor ikun ragjonevoment jaf illi dik il-persuna qeda tikkontratta b'dak il-mod". (Ara sentenza Kumm JDC Zammit vs Rev.N.Okereke 13/7/91 ).

Fil-kaz in ezami mid-dokumenti a fol. 86-90 m'ghandux ikun hemm dubbju li l-atturi kienu jafu li qed jittrattaw ma kumpanija u mhux mal-konvenut personalment. Ghalhekk dina s-somma mhiex dovuta mill-konvenut kif imharrek u l-ammont ta' Lm2,275 ghandu jitnaqqas mill kont Dok a fol. 39. Il-ftehim dwar ix-xoghol li gie ordnat mill-K-Optics sar mad-ditta Ind Highfield Ltd u dina taghtu b'sub appalt lill atturi. (ara fol.  80 u 86).

In vista ta' dina l-konkluzzjoni mhux il-kaz li l-Qorti tidhol **fit-tielet eccezzjoni** tal-konvenut billi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed tintlaqa'.

**Fir-raba eccezzjoni** l-konvenut qed jeccepixxi li jibqa bilanc ta' Lm 1,130 li hu kontestat, billi mhux dovut u jekk hemm xi bilanc dovut dan ghandu jigi pacut mad-danni sofferti mill-konvenut bl-agir tas-socjeta' attrici, ghal liema fini l-konvenut ipprezenta kontrotalba.

Fil-fatt jekk jitnaqqas l-ammont ta' Lm2,275 mill-bilanc li kien fadal fid-dok a fol. 39 jibqa ammont pendenti ta' Lm1,130.50.

Kwantu ghall *items* l-ohra imsemmija fid-dok a fol. 39 il-konvenut kellu dana x'ighid:

L-ammont ta'  Lm157 hu ammess.
L-ammonti ta' Lm117 u Lm54.50 mhumiex ammessi billi, ghalkemm hu kien marbut bil-ftehim a fol. 65, is-socjeta' attrici m'ghamlet xejn biex tigbor dawn il-flus.

Dwar l-ammonti ta’ Lm300, Lm120 , Lm232 , Lm75 u Lm50 (Dok 68 sa 71) l-konvenut qed jissottometti li dawn mhumiex dovuti billi huwa ma jafx xejn dwar dan ix-xoghol anzi hu xoghol li s-socjeta’ attrici nnegozjat direttament mal-Lukanda Suncrest kontra dak li hemm fil-ftehim tal 10 ta’ Gunju 1993 u li dwaru hu pprezenta kontrotalba.
Dwar l-ammont ta’ Lm285 a fol. 50 tal-process il-konvenut jammetti li ghandu jaghti biss Lm245 billi Lm40 minnhom huma *commission* tieghu.

Il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti ezibiti u semghet lill-partijiet tasal ghal konkluzzjoni li dawn l-ammonti huma dovuti lil -atturi. Kwantu ghall ammonti ta’ Lm117 u Lm54.50 dawn huma dovuti billi kien fl-interess kemm ta’ l-atturi kif ukoll tal-konvenut li jigru wara flushom u mhux biss ta’ l-atturi. Kwantu ghall ammont dovuti fuq xoghol moghti mis Suncrest, il-konvenut ma jistax ighid li ma kienx jaf b’dana x-xoghol jew li sar wara daru billi kienu jintbghatu l-i*nvoices* bid-description tax-xoghol lis Suncrest u fihom kien ikun hemm il-*commision* dovuta lill konvenut (ara dok 6 a fol. 71). B’kollox l-ammont dovut lill-atturi taht dak il-kap huwa ta’ Lm1,105.

**Kontrotalba**

Jibqa li l-Qorti tezamina l-kontrotalba tal-konvenut fejn qed jitlob id-danni billi qed jiippremetti li s-socjeta’ attrici rikonvenzjonata kisret il-klawsola (4) u (6) tal-istess ftehim bil-konsegwenzi li l-konvenut sofra danni.

Il-partijiet qed jakkuzaw lill xulxin li kisru l-ftehim u li dana m’ghadux ighodd. Fil-fatt il-konvenut kien zarma u ma baqax f’dan il-mestier. Hu xehed li ma baqax jonora l-ftehim, waqaf minn dan ix-xoghol u mar l-Universita’ (fol. 118).

L-unika prova li gab il-konvenut biex jissotanzja l-allegazzjoni tieghu li s-socejta’ attrici kisret dana l-ftehim kienet billi xehed li ma jafx x’inhuma certi items fid-dok a fol. 39 u allega li dawn setghu saru minn wara daru (fol. 117) u ma gewx riferuti lilu. Mill qbija ma ngabet ebda

prova ohra. Fil-fatt pero l-Qorti sabet li dana mhux hekk u kien hemm *items* minnhom li kien jaf bihom.

Pero apparti dana l-konvenut lanqas ma gab prova li minhabba f'hekk hu sofra xi danni u kemm kienu dawn id-danni.

Il-konvenut allega ukoll li s-socjeta' attrici kienet ghamlet xi xoghol li l-kljenti kienu lmentaw minnu u kellu jsir xi xoghol rimedjali. Is-socjeta' attrici pero ressqet diversi xhieda (ara fol. 106; 125) li kkonfermaw li x-xoghol li hija kkonsenjat kien ta' kwalita' tajba, anzi kien minhabba xoghol li sar hazin minn naha tal-konvenut  li l-kljenti kellhom jordnaw xoghol rimedjali mhux lis-socejta' attrici izda lill konvenut stess. Dan ix-xoghol rimedjali huwa m'ghamlux.

Illi l-kontrotalba tal-konvenut qed tigi michuda billi ma gietx pruvata. Ghalhekk mhux il-kaz li l-Qorti tiddilunga fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li dwarha l-partijiet ma gabu lanqas l-icken prova.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm1,105
u tichad il-kontrotalba tal-konvenut ghar-ragunijiet fuq imsemmija
L-ispejjez jithallsu kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' attrici u kwantu ghal terz mill-konvenut;
Bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------